**MALTA**

**TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGHAR**

**ĠUDIKATUR**

**DR. ANNA MALLIA**

**Seduta tal-21 ta' Gunju, 2018**

Talba numru 480/2017 AM

Numru fuq il-Lista: 31

**FM Core Condominium Administration Limited (C68910) fil-kwalita' taghha ta' Amministrattrici tal-Condominium bl-isem Fort Cambridge South 1 (Condominium Number 1595) kif ukoll tal-Condominium bl-isem Fort Cambridge Garage Complex (Condominium Number 1586)**

**Valley Mansions, Level 1,**

**Msida Valley Road,**

**Birkirkara**

**Vs**

**Trirent Limited (C51985)**

**Villa Tamira, St Johns Lane,**

**Bahar ic-Caghaq,**

**Naxxar**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz tat-Talba li permezz taghha s-socjeta' attrici talbet lis-socjeta' konvenuta tigi ordnata thallas lill-istess socjeta' konvenuta s-somma ta' erbat elef seba' mija u ghaxar ewro (€4,710) dovuta ghas-somma ta' erbat elef sitt mija u sittax il ewro (€4,616) bhala

arretrati ta' kontribuzzjonijiet annwali tal-istess kondominju in konnessjoni mal-Appartament numru S1-501 u kwantu ghas-somma ta' erbgha u disghin ewro (€94.00) bhala arretrati ta' kontribuzzjonijiet in konnessjoni mal-garaxx bin-numru -3/71.

Ra li s-socjeta' konvenuta ghalkemm debitament notifikata bl-Avviz tat-Talba ma kkontestatx it-talba u lanqas dehret ghas-seduta biex tikkontesta t-talba.

Ra l-verbal tas-seduta tas-16 ta' Gunju, 2018 li permezz tieghu s-socjeta' attrici permezz tal-avukat taghha Dr Carina Vassallo ddikjarat li l-mertu huwa ezawrit stante li sar il-pagament fil-mori tal-kawza izda talbet li l-kawza tigi deciza dwar il-kap tal-ispejjez.

Ghaldaqstant dan it-Tribunal in vista tal-fatt li s-socjeta' konvenuta hallset l-ammont pretiz mis-socjeta' attrici jaqta' u jiddeciedi dwar il-kap tal-ispejjez billi jordna lis-socjeta' konvenuta thallas l-ispejjez tal-kawza lis-socjeta' attrici.

**Dr Anna Mallia**

**Gudikatur**